**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**ONOR PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M.Juris (EUR LAW)**
**ONOR. RAYMOND PACE, LL.D**
**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D**

**<u>ATT TA' AKKUZA : 13/1992</u>**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Godfrey Ellul**

**Illum 4 ta' Lulju, 2002**

Il-Qorti :

Rat is-sentenza moghtija fil-5 ta' April, 1995, mill-Onorabbli Qorti Kriminali li tghid hekk :

"Il-Qorti:

Rat il-verdetti li bihom il-gurati:

1. b'seba voti kontra tnejn sabu lill-akkuzat mhux hati tar-reat dedott fl-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza;

2. b'seba voti kontra tnejn sabu lill-akkuzat mhux hati tar-reat dedott fit-tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza;

3. b'seba' voti kontra tnejn sabu lill-akkuzat mhux hati tar-reat dedott fit-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza;

4. unanimament sabu lill-akkuzat hati tar-reat dedott fir-Raba Kap ta' l-Att ta' Akkuza, b'dan li, unanimament ukoll, sabu li l-valur ta' l-oggetti involuti f'dan ir-reat jammonta ghall-mija, hamsa u tmenin elf u tnax il-lira (Lm185,012);

5. unanimament sabu lill-akkuzat hati tar-reat dedott fil-Hames Kap ta' l-Att ta' Akkzua.

Ghalhekk tiddikjara lill-akkuzat hati li mporta f'Malta oggetti tal-valur ta' Lm185,012, b'kontravenzjoni ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) u tar-Regolamenti tad-Dwana, 1957, (reat dedott fir-raba Kap ta' l-Att ta' akkuza), u li meta ghadda mill-passagg l-ahdar fl-ajruporrt ta' Hal-Luqa, insab li kellu fil-pussess tieghu ogetti li l-importazzjoni taghhom kienet projbita, ristretta jew soggetta ghad-dazju (reat dedott fil-Hames Kap ta' L-Att ta' Akkuza).

Rat l-Artikoli 17, 60 (b)(k), u (62) (a)(b)(f)(g)(h)(l) tal-kapitolu 37 tal-Ligijiet, u r-Regolament 19 A tar-Regolamenti tad-Dwana, 1957.

U wara li kkunsidrat illi r-reat tad-dhul fil-passagg ahdar fil-pussess ta' l-oggetti kontra l-ligi huwa kompriz u involut fir-reat l-iehor ta' l-importazzjoni ta' oggetti kontra l-ligi tad-Dwana, li tieghu l-akkuzat gie misjub hati.

U wara li kkunsidrat ukoll fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-applikazzjoni tas-sentenza sospiza, kif suggerit mid-difiza fit-trattazzjoni, mhix opportuna.

Tikkundanna lill-akkuzat, ghar-reat li taghhom ge misjub hati, il-Multa ta' tlett mija u sebghin elf, u erba u ghoxrin lira Maltija (Lm370,024).

Tilliberah mill-akkuzi l-ohrajn kollha dedotti kontra tieghu.

Tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti kollha minbarra d-dokumenti RVG 2, cioe', l-attache case bil-kontenut taghha.

Tirrizerva li tipprovdi fuq it-talba ghall-kundanna ta' l-akkuzat ghall-hlas ta' l-ispejjez tal-perizji fuq rikors appozitu li jindika dettaljatament dawk l-ispejjez".

Rat li minn din is-sentenza Godfrey Ellul interpona appell permezz ta' rikors t'appell tieghu datat 27 ta' April, 1995, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, cioe', rigwardanti l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, u tirrevokaha kwantu hu nstab hati tar-Raba' w l-Hames Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, billi tiddikjarah mhux hati ta' l-istess u tilliberah minn kull imputazzjoni w piena skond il-ligi.

Rat is-sentenza preliminari taghha moghtija fl-20 ta' Settembru, 2001, fuq eccezzjoni rigwardanti preskrizzjoni sollevata mill-appellant fil-kors ta' dan l-appell tieghu quddiem din il-Qorti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli, skond hu, (1) <u>hu kien gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza</u>, (2) <u>li kien hemm irregolarita' matul il-kawza, u di piu'</u>, (3) <u>kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-Ligi li kellha influwenza fuq il-verdett rigwardanti r-Raba w l-hames Kapi ta' l-Att ta' Akkuza.</u>

**IKKUNSIDRAT:**

Illi qabel xejn din il-Qorti tara li huwa ferm rilevanti w opportun li f'dan l-istadju tas-sentenza taghha jinghad u jigi ccarat li l-fatti mertu ta' dawn il-proceduri jirrisalu ghall-perjodu meta ma kienetx ghada giet fis-sehh emenda fil-Kap. 101, li saret in forza ta' l-Att VI tal-1994, u dan b'riferenza ghall-reati simili ghal dawk li kien akkuzat bihom l-appellant taht l-ewel tlett Kapi ta' l-Att ta' Akkuza. Bis-sahha ta' din l-emenda u, naturalment, minn wara li hadet l-effett legali taghha, linja difensjonali bhal dik li qajjem l-appellant waqt is-smigh tal-guri tieghu, liema linja difensjonali giet accettata mill-gurati b'riferenza ghall-imsemmija l-ewwel tlett Kapi ta' l-Att ta' Akkuza, ma kienetx aktar tkun possibbli. Pero', tali linja difensjonali kienet possibbli qabel ma saret din l-emenda, u precizament meta sar dan il-Guri li jirreferi ghall-fatti li graw qabel ma dahlet in vigore l-istess emenda, din l-linja difensjonali kienet possibbli w fil-fatt irnexxiet f'dawn il-proceduri.

Ghalhekk kull ma sejjer jinghad f'din is-sentenza huwa biss fid-dawl tal-ligi (Kap.101) kif kienet qabel din l-emenda, u meta, allura, linja difensjonali bhal dik sollevata mill-appellant setghet tingieb.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi mill-assjem ta' dak li gie sottomess mill-appellant fir-rikors ta' appelll tieghu, kif ukoll minn dak li giet trattat verbalment quddiem din il-Qorti miz-zewg nahat, il-Qorti tara li bazikament jemergu tlett kunsiderazzjonijiet li huma, skond hi, il-bazi jew qofo ta' dan l-appell. Il-Qorti, ghalhekk, sejra tghid x'inhuma dawn it-tlett kunsiderazzjonijiet taghha qabel ma tesprimi d-decizjoni taghha.

Qabel kollox, jigi mfakkar li r-reati addebitati lill-appelant Godfrey Ellul fil-Kapi kollha ta' l-att ta' Akkuza huma delitti, kemm dawk li ma nstabx hati taghhom mill-gurati w gie liberat minnhom (cioe' ir-reati taht l-ewwel tlett Kapi), kif ukoll dawk taht ir-Raba' w l-Hames Kapi li taghhom il-gurati sabuh hati w gie kundannat mill-Qorti Kriminali fuqhom ghall multa ta' Lm 370,024, bir-reat taht il-hames Kap kompriz u involut fir-reat taht ir-Raba' Kap. Qua delitti, mela, hawnhekk b'riferenza partikolarment ghal dawn ir-reati li taghhom Godfrey Ellul kien gie misjub hati, irid jigi ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli u sal-grad tal-konvinciment morali li fihom kienu jissussistu flimkien u fl-istess waqt, almenu fil-mument li l-appellant allegatament kien qed iwerraq ir-reati, iz-zewg elementi essenzjali ghal kull delitt, cioe' l-'actus reus' kif ukoll il-'mens rea'.

**IKKUNSIDRAT:**

Tenut kont ta' dan li ntqal sa issa, l-ewwel osservazzjoni jew kunsiderazzjoni li sejra taghmel il-Qorti, u li fil-fatt tista' tkun il-qofol ta' kollox, hi li gja' la darba r-reati misjub hati taghhom l-appellant huma reati kontra l-Oridinanza tad-Dwana (Kap. 37), allura, in linea ma' dak li tiddisponi din il-ligi, u precizament fl-Artikolu 76 (1) tal-Kap. 37, sabiex jkunu jistghu jinbdew proceduri kriminali mill-kummissarju tal-Pulizija kontra xi persuna li allegatament tkun ghamlet xi reat taht l-imsemmija Ordinanza, irid qabel kollox ikun hemm talba ghalhekk lill-kummissarju tal-Pulizija mill-Kontro llur tad-Dwana. Dan huwa rekwizit essenzjali w l-Kummissarju tal-Pulizija ma jista' jipprocedi kriminalment kontra hadd jekk qabel ma jkollux dik li tissejja il-"Letter to prosecute' imsemmija mahruga appozitament mill-Kontrollur tad-Dwana, li fiha dan jispecifika ir-reat allegatament kommess minn dik il-persuna. Dan necessarjament ifisser li din il-"Letter to Prosecute" tal-Kontrollur tad-dwana hija rekwizit 'sine qua non', u ghandha 'ab initio' tifforma parti mill-process kriminali sabiex il-Qorti tkun sodisfatta li dawk il-proceduri quddiemha inizjati mill-Kummissarju tal-Pulizija gew precedenti minn din it-talba tal-Kontrollur tad-dwana skond il-ligi.

**IKKUNSIDRAT:**

Issa fil-kaz prezenti, fil-fatt tezisti din it-talba tal-kontrollur tad-Dwana sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jipprocedi kriminalment kontra Godfrey Ellul. Izda din il-"Letter to Prosecute" hija limitata, u tirreferi biss, ghar-reati konnessi ma' l-importazzjoni llegali tad-droga kokaina li l-importazzjoni taghha f'Malta hija ristretta jew addirittura projbita, u li kienet, bhala stat ta' fatt, instabet fil-pussess ta' l-appellant f'dan il-kaz.

Hu ovvju li meta nstabet din id-droga fil-pussess ta' l-appellent waqt li kien qieghed jghaddi mid-Dwana fl-ajruport ta' Hal-Luqa, allura, sabiex jibdew il-proceduri kriminali kontrih f'isem il-Kontrollur tad-dwana u jigi akkuzat bl-importazzjoni illegali tagha kif hemm taht ir-Raba u l-Hames Kapi, kien hemm bzonn din it-talba tieghu, u fil-fatt hu ghamel din it-talba limitatament ghall-kokaina, <u>ghaliex fil-pussess ta' l-appellant instabet kokaina biss u ebda oggett iehor</u>. Jigi rilevat li din il-"Letter to prosecute' tal-Kontrollur tad-Dwana mhiex mehtiega ghall-ebda wiehed mit-tlett delitti taht l-ewwel tlett kapi l-ghaliex fihom l-appellant ma kienx akkuzat bi ksur ta' xi disposizzjoni tal-Ligi tad-Dwana, izda bi ksur tal-Ligi Dwar il-medicini Perikoluzi (Kap. 101) li ma tirrikjedi ebda talba simili mill-Kontrolllur tad-dwana.

Issa li gara kien li fil-guri l-appellant ma nstabx hati ta' ebda delitt taht l-ewwel tlett Kapi li kienu jirreferu <u>**biss**</u> ghal reati bi ksur ta' xi disposizzjonijiet tal-Kap. 101, u l-Kodici Kriminali (Kap. 9), u mhux tal-Kap. 37 ukoll. Dan gara l-ghaliex effetivament il-gurati accettaw il-linja ta' difiza ta' l-appellant li hu qatt ma kelllu l-

intenzjoni kriminuza li jwettaq xi delitt konness mad-droga taht il-Kap. 101, kif akkuzat taht kull wiehed mill-ewwel tlett Kapi, izda l-hsieb tieghu kien biss li jimporta esmeraldi llegalment f'Malta, billi jevadi li jhallas id-dazju fuqhom meta huma, fil-fatt, soggetti ghal-hlas tad-dazju, u dan, allura, kontra dak li jiddisponi il-Kap. 37. Gara li fil-fatt, fil-pussess ta' l-appellant ma nstabux esmeraldi kif haseb li kien qed igorr, izda kwantita' tad-droga kokaina li l-gurati accettaw, bil-verdetti minnhom moghtija, li l-appellant ma kienx jaf biha.

Dawn il-fatti rizultanti, ghalhekk, ifissru li gja' la darba l-appellant ma nstabx hati w gie liberat minn kull akkuza taht l-ewwel tlett Kapi li kollha huma biss akkuzi ai termini tal-Kap. 101 u il-Kap. 9, allura, sabiex hu seta' jinsab hati wkoll li importa xi 'oggett', kif hemm fir-Raba w il-Hames Kapi, bi ksur tal-Ligi tad-Dwana, kien essenzjali li jkun hemm l-imsemmija "Letter to Prosecute" tal-Kontrollur tad-Dwana li tirreferi ghal 'xi oggett' fil-kliem preciz tal-ligi.

Issa, kif intqal qabel, il-"Letter to prosecute" esebita fl-atti biss ghall-importazzjoni tad-droga kokaina, u ma tirreferix ghal xi oggett iehor. It-talba tal-Kontrollur tad-Dwana hija wahda limitata w specifika, u allura, f'din ic-cirkostanza, jekk ma nstabetx htija fl-appellant li mporta droga, ma tistax minflok tinstab htija fih li mporta kwalunkwe oggett iehor, hu x'inhu, anke jekk effettivament 'ad insaputa' tieghu, dak li kellu fil-pussess tieghu kienet kokaina.

Il-verdett tal-gurati ma jistax jigi nterpretat mod iehor. Dan kien verdett li wera bic-car li l-appellant ma kienx qed jinstab hati talli mporta d-droga kokaina, u dan skond it-Tieni Kap. (Anzi dan hu verdett li ma sab htija f'xejn fejn tirrigwarda din id-droga taht l-ewwel tlett Kapi). Legalment, ghalhekk, il-"Letter to Prosecute" esebita, kif redatta mill-Kontrollur tad-dwana, li tirreferi <u>specifikatament</u> ghall-importazzjoni tad-droga kokaina <u>biss</u> u xejn aktar, fil-mankanza ta' sejbien u dikjarazzjoni ta' htija fl-appellant li effettivament importa din id-droga, ma tistax sussegwentement tigi estiza biex tkopri kull oggett iehor, inkluza din id-droga. Il-Qorti taqbel ma' l-ilment ta' l-appellant, ghalhekk, li l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda fil-Guri, f'dawn ic-cirkostanzi u fatti partikolari ta' dan il-kaz, kien zbaljat legalment meta ndirizza lill-gurati w spjega li huma setghu jsubu htija jekk il-fatti juru li l-appellant, allura akkuzat, kien importa llegalement kwalunkwe haga li l-importazzjoni taghha hija ristretta jew projbita jew soggetta ghall-hlas tad-dazju, anke jekk jirrizulta li dak l-oggett jew haga kienet kokaina. Fil-fatt il-Qorti tara kontradizzjoni hawnhekk, l-ghaliex jekk il-gurati ddecidew li ma jsibux htija fl-appellant li kien importa il-kokaina llegalment bi ksur tal-ligi taht it-Tieni Kap, u dan ghar-raguni gja' fuq imsemmija minhabba l-linja dofensjonali tieghu accettata mill-istess gurati, ma jaghmilx sens legalment li sussegwentement l-gurati jsibu lill-appellant hati li mporta l-istess kokaina, fl-istess cirkostanza li ma sabuhx hati taghha, bi ksur tal-Ligi tad-Dwana.

Barra minn dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-mankanza ta' "Letter to prosecute" redatta kif suppost testwalment fi kliem il-ligi, u li, allura, kienet tinkludi kull 'oggett', taghti lok ghal nuqqas ta' prova jew rekwizit esenzjali. L-appellant

legalment qatt ma seta' jinsab hati li importa oggett, hu x'inhu dak l-oggett, meta dak l-oggett li hu kellu l-intenzjoni kriminuza li jimporta, cioe' l-esmeraldi, kien nieqes, cioe', kien nieqes ukoll l-element materjali tad-delitt, l-**actus reus**. Instabet biss id-droga kokaina, u ta' dawn il-fatti kif jirrizultaw mill-provi, l-appellant ma nstabx hati.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi t-tieni osservazzjoni li tixtieq taghmel il-Qorti hija naxenti minnm jew intimament konnessa ma', l-ewwel kunsiderazzjoni taghha.

Gja' intqal li r-reati misjub hati taghhom l-appellant huma delitti w allura l-prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova minghajr ebda dubju ragjonevoli u sal-grad tal-konvinciment morali li fil-mument li l-appellant wettaq l-att estern tieghu biex jimporta xi haga llegalment kontra dak li tiddisponi il-ligi tad-dwana, hu kellu wkoll l-intenzjoni kriminuza li volontarjament jimporta dak l-istess oggett bi ksur ta' dik il-ligi.

Il-fatti, kif accettati w kif riflessi fil-verdett tal-gurati, juru li f'mohh l-appellant kien hemm l-intenzjoni tieghu li jimporta f'Malta esmeraldi u dan billi ma jiddikjarahomx hu u diehel mid-Dwana fl-ajruport ta' Hal-Luqa, u fil-fatt wettaq l-att materjali tieghu sabiex jimmanifesta din l-intenzjoni tieghu. Il-gurati accettaw il-linja difensjonali mressqa mill-appellant li hu ma kienx jaf li dak li kien effetivament qed igorr u li kien sejjer idahhal illegalment kontra id-disposizzjoni tal-Kap. 37 ma keinx jikkonsisti f'esmeraldi izda kienet id-droga kokaina. Il-verdetti tal-gurati juru bic-car li kienu accettaw l-ispjegazzjoni li kien ta' l-appellant li hu minn dejjem kien nghata x'jifhem li dak li kien sejjer idahhal f'Malta illegalment kien biss kwantita' ta' esmeraldi u xejn aktar.

Mela, f'dawn ic-cirkostanzi, huwa essenzjali li biex tista' tinstab htija fir-Raba u Hames Kapi, il-prosekuzzjoni kellha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi mhux biss l-att estern ta' l-appelllant, l-att li bih kien sejjer idahhal xi haga f' Malta illegalment (li, kif gja' appena ntqal kien mankanti ), izda trid tipprova wkoll <u>li hu kien xjenti ta' x' kienet dik il-haga u li tassew kellu l-intenzjoni volontarja u kriminuza li jdahhal dik il-haga, maghrufa lilu,</u> bi ksur tal-ligi tad-Dwana, cioe' billi jevadi li jhallas id-dazju fuqha, bhala ma huma esmeraldi li huma esmeraldi li huma soggetti ghall-hlas tad-dazju.

Issa, il-prova juru li fil-fatt dak li kellu fil-pussess tieghu l-appellant ma kienux esmeraldi, izda kienet droga kokaina li l-importazzjoni taghha hija projbita jew ristretta. Mela, gja' la darba nstabet droga w mhux esmeraldi, kif kienet l-intenzjoni ta' l-appellant, allura f'dawn il-fatti jonqos certament ukoll, bhal ma jonqos l-element materjali, ir-rekwizit tal-**mens rea,** ta' l-intenzjoni kriminuza ta' l-appellant li ried idahhal dak li fil-fatt instab fil-pussess tieghu. Hawnhekk jerga' jqum l-argument, fis-sens li jekk il-gurati ma sabux lill-appellant hati li mporta kokaina bi ksur tal-Kap. 101, dan minhabba l-linja difensjonali imsemmija, aktar u

aktar allura, ma setghux isibuh hati li mporta l-kokaina bi ksur tal-Ligi tad-Dwana, dan ghaliex l-Guri kien accetta li kienet nieqsa fl-appellant l-intenzjoni kriminuza li tassew ried jimporta l-kokaina, u dan apparti l-ewwel kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti li fi kwalunkwe kaz, l-appellant ma setghax legalment jinstab hati minhabba il-"Letter to Prosecute" monka w diffettuza li hemm fl-atti.

**IKKUNSIDRAT:**

It-tielet oservazzjoni tal-Qorti, li hi wkoll konnessa ma' dak kollu li gja' ntqal sa issa, hi li anke jekk, 'dato ma non concesso', l-appellant seta' legalment jinstab hati talli importa f'Malta xi haga bi ksur ta' xi disposizzjonijiet tal-Kap. 37, pero' fil-fehma taghha, tibqa' haga tassew stramba kif qatt setghu l-gurati, legalment u anke ragjonevolment, jasal biex jaghti valur ghall-esmeraldi li l-appellant qal li kien taht l-impressjoni li qed jimportaa illegalment f'Malta, meta dawk l-esmeraldi qatt ma ezistew, izda kien hemm biss droga kokaina.  Kif qatt setghu l-gurati jghatu valur lil xi haga inezistenti ?

Normalment f'proceduri bhal dawn odjerni fejn si tratta ta' reati taht il-Kap. 37, apparti l-"Letter to Prosecute" tal-Kontrollur tad-Dwana, il-prosekuzzjoni tesebixxi wkoll li tissejjah is-"Seizure Note', li tirreferi ghall-oggett elevat mid-Dipartiment tad-dwana li xi hadd kien pprova idahhal f'Malta illegalment, kif ukoll il-"Valuation Note' li turi il-valutazzjoni ta' dak l-oggett maghmulha minn ufficcjal tad-Dwana addett mal-'Valuation Office' ta' l-istess Dipartiment imsemmi.

Dawn iz-zewg dokumenti, fil-kaz prezenti, huma inezistenti.  Lanqas is-"Seizure Note" ghar-rigward id-droga ma hemm u lanqas ma hemm valutazzjoni taghha maghmulha mill-ufficcjal tal-valutazzjoni tad-dwana.  Hemm biss valur indikat mill-Kontrollur tad-Dwana arbitrarjament imsemmi minnu fil-"Letter to Prosecute" esebita.  Pero', din mhiex valutazzjoni ammessibli, maghmulha skond il-ligi minn xi espert mahtur ghal dan l-iskop.  Hija biss indikazzjoni ta' valur maghmula 'ex parte' mill-Kontrollur tad-Dwana, li certament, mhiex l-ahjar prova, skond il-ligi, dwar kemm fil-fatt kienet tiswa d-droga kokaina misjuba fil-pussess ta' l-appellant.  Dan dejjem apparti l-fatt. Kif gie rilevat anke qabel, li hi l-fehma ta' din il-Qorti li safejn jirrigwarda r-Raba u l-Hames Kapi, din il-"Letter to prosecute" hija difettuza w mhux valida.

Izda dan mhux bizzejjed.  Dan li ntqal kien forsi japplika li kieku l-appellant instab hati anke taht l-ewwel tlett kapi, partikolarment ir-reat ta' importazzjoni tad-droga bi ksur tal-ligi Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101).  Pero', kif nafu, hu ma nstab hati ta' xejn fejn kellha x'taqsam il-kokaina taht il-Kap. 101.

U allura, f'dan l-isfond u cirkostanzi, u tenut kont ta' dak kollu li gie osservat qabel, legalment u ragjonevolment il-gurati, l-Imhallfin tal-fatt, u l-kwistjoni tal-valur hi kwistjoni purament ta' fatt li trid tigi deciza mill-gurati, ma setghux jghatu

valur lill-oggett li l-appellant kellu l-intenzjoni li jimporta, meta fir-realta' dan l-oggett baqa' inezistenti. Fi ftit kliem, ma kien hemm ebda bazi fuq x'hix il-gurati setghu jaghtu valur.

Huwa rilevanti li jigi nnutat hawnhekk li fil-verdett dwar ir-Raba' Kap, ghal ewwel il-gurati ma taw ebda valur ghal dak l-oggett li, fir-rigward tieghu, sabu htija fl-appellant li kien importa bi ksur tal-ligi. Fil-fatt, meta l-gurati kienu taw l-verdett taghhom fuq dan ir-raba' Kap, fl-istess verdett il-gurati stqarrew li ghal dak li jirrigwarda l-valur, hassew li ma kienux kompetenti biex jistabilixxu xi valur.

Il-kwistjoni tal-valur hija mehtiega ghall-fini ta' kalkolazzjoni tal-piena li trid timponi l-Qorti meta hemm sejbin u dikjarazzjoni ta' htija. Rinfraccjata b'din is-sitwazzjoni, l-ewwel Qorti talbet lill-gurati biex jaraw jekk setghux, jew le, jaghtu valur, u wara talba ghall-xi kjarifikazzjoni li saret minn xi Gurat, dik il-Qorti qalet li l-gurati setghu, jekk ihossu hekk, jew jekk riedu, jaghtu bhala valur dak l-istess valur indikat mill-Kontrolllur tad-Dwana fil-"Letter to Prosecute" tieghu riferribbilment ghad-droga kokaina, dan ghaliex dak li effettivament jew attwalment instab fil-pussess ta' l-appellant kienet id-droga kokaina. Kien hawnhekk li l-gurati, imbaghad, hargu bil-verdett u ddikjaraw li l-valur ta' l-oggett ai fini tar-raba' Kap kien dak ta' Lm 185,012 imsemmi f'din il-"Letter to Prosecute" tal-Kontrollur tad-dwana.

Il-Qorti mhiex ser tirrepeti dak li appena qalet dwar kif thares lejn din it-tip ta' valutazzjoni u kemm tiswa bhala prova valida. Pero', huwa rilevanti li jinghad li ghalkemm il-gurati huma l-Imhallfin tal-fatt li ghandhom jiddeciedu fuq il-valur, jidher ghal din il-Qorti li l-mod kif il-gurati gew indirizzati mill-Onorevoli Imhallef fuq dan il-punt huwa legalment zbaljat. U tant hu hekk li fil-fatt jirrizulta mill-atti li kien hemm dibattitu w diffikolta' biex jigi registrat dan il-verdett quddiem l-ewwel Qorti. Kien l-Avukat Prosekutur stess li ddikjara li kien hemm kontradizzjoni f'dan il-verdett, u li, skond hu, ma kienx verdett registrabbli, dan kif jirrizulta minn verbal registrat fl-atti.

U hu proprju hekk: hemm kontradizzjoni f'dan il-verdett. Il-"Letter to Prosecute", kif rdatta, ma tapplikax ghall-procediment taht ir-Raba' w il-Hames Kapi. L-appellant qatt ma seta' legalment jinstab hati taht hom l-ghaliex il-fatti juru, kif gie accettat mill-gurati, li kien nieqes fih zgur iz-zewg elementi essenzjali ghal kull delitt, dak materjali w dak formali, u gie stabbilit valur ta' xi haga li attwalment giet importata w misjuba fil-pussess ta' l-appellant 'ad insaputa' tieghu, liema valur kien arbitrarjament moghti mill-Kontrollur tad-Dwana lil dak l-oggett, cioe' kokaina, li ghar-rigward taghha l-appellant ma nstabx hati mill-gurati taht ebda wiehed mill-ewwel tlett Kapi.

In konkluzzjoni, ghalhekk, u sabiex din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell ta' Godfrey Ellul, tenut kont ta' l-osservazzjonijiet taghha kollha fuq imsemmija, hi tara li verament kien hemm kontradizzjonijiet fil-verdett tal-gurati. Tara li in bazi tal-provi mressqa quddiem il-Guri u tal-fatti li emergew minnhom, u li gew

accettati mill-gurati, huma ma setghux legalment u ragjonevolment jaslu sabiex isibu htija fl-appellant fir-Raba' w Hames Kapi. Dan mhux kaz fejn il-gurati, in bazi tal-provi li kien hemm, setghu legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzzjoni ta' htija, minkejja direzzjoni jew spjegazzjoni tal-ligi erronea ta' l-Imhallef li ppressjeda l-Guri. Dan hu kaz fejn il-gurati, in bazi tal-provi li tressqu, u l-fatti li rrizultaw, ma setghux kemm legalment, u kemm ragjonavolment jikkonkludu kif ikkonkludew fir-Raba' w l-Hames Kapi ta' l-Att ta' Akkuza.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa' l-appell ta' Godfrey Ellul, u filwaqt li qed tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatrorja taghha, qed tirrevokaha fil-parti rimanenti taghha fejn l-appellant gie misju hati tar-Raba' w l-Hames Kapi, u ghalhekk, qeghda tiddikjarah mhux hati ta' l-istess u tilliberah minn kull akkuza, htija w piena. Tirrevoka wkoll kull ordni, talvolta jirrizulta, moghti mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Deputat Registratur